

Brussell, 30 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5637/25

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0074(NLE)

FRONT 24
COWEB 11
MIGR 34

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	7900/1/24 REV 1 + 7900/24 ADD 1 REV 1 + 7900/24 ADD 2
Suġġett:	Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja – Adozzjoni

1. Fit-18 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja.

2. L-għan tal-Ftehim huwa li abbażi tal-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624¹, jawtorizza lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tistazzjona timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tul il-fruntieri kollha tar-Repubblika tas-Serbja. Il-Ftehim ser iħassar u jissostitwixxi l-Ftehim dwar l-Istatus iffirmat fid-19 ta' Novembru 2019 bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja.
3. In-negozjati ġew iffinalizzati b'suċċess mill-Kummissjoni u mir-Repubblika tas-Serbja. Fit-18 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim². Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar ġiet adottata mill-Kunsill fit-30 ta' Mejju 2024 u l-Ftehim ġie ffirmat fil-25 ta' Ġunju 2024 f'Belgrad, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
4. F'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill għandu jadotta d-Deċiżjoni li tikkonkludi l-Ftehim wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
5. Fil-15 ta' Lulju 2024, il-Kunsill baġhat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif ukoll it-test tal-Ftehim, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
6. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE³; għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

¹ ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

² 7897/24 +ADD 1+ ADD 2 u 7900/1/24 REV 1 +ADD 1 REV1+ADD 2.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

7. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fid-dritt nazzjonali tagħha.
8. Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim⁴ u ta struzzjoni lill-president tiegħu biex tibgħat il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tas-Serbja.
9. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif tinsab fid-dokument 8441/24 iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti, u
 - b) jiddeċiedi li t-test tad-Deċiżjoni msemija hawn fuq u t-test tal-Ftehim jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, serje "L", f'konformità mal-Artikolu 17(1)(d) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

Il-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

⁴ P10_TA(2025)0001